**FIL-QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 8 ta' Mejju 2025**

**<u>Rikors nru:- 570/2024 AGV fl-ismijiet:-</u>**

**fl-ismijiet:**

**CB**

**v.**

**CY B**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- RIKORS** ta' **CB ;** ta' 24, Qormi Road, Ħamrun.

Jesponi bir-rispett **ILLI**:

1. Il-partijiet iżżewġu fl-20 ta' Marzu 1993, kif jirriżulta mic-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala **'Dok. A'**, u minn dan iż-żwieġ huma kellhom tlett it-tfal, ossia R , RS u J aħwa B, li twieldu fis-26 ta' Settembru 1993, fil-25 ta' Novembru 1997, u fl-24 ta' Awwissu 2004, rispettivament, kif jirriżulta mill-atti ta' twelid rispettivi tagħhom, li jinsabu annessi u mmarkati bħala '**Dok. B**', '**Dok. C**' u '**Dok. D**', rispettivament.

2. Il-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Kimberly Piscopo mit-3 ta' Frar 2023, li vera kopja tiegħu tinsab hawn annessa u mmarkata bħala **'Dok. E'**. Nonostante, il-partijiet ilhom separati *de facto* sa minn Awwissu 2021.

3. Ma hemm ebda' prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, stante illi minbarra li ilhom għal dawn l-aħħar circa tliet snin mifrudin, illum huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

4. Anqas ma hemm pendenzi ta' manteniment, u l-att ta' separazzjoni qiegħed jiġi osservat fl-intier tiegħu.

5. Dawn il-fatti hawn fuq imsemmija, li qegħdin jiġu kkonfermati mir-rikorrenti fl-affidavit tiegħu anness u mmarkat bħala '**Dok. F**', jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-**

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ eżistenti bejn il-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**Rat ir-Risposta ta' CYB ;**

**Tesponi bir-rispertt:**

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti tirrileva li l-kontedenti kienu zzewgu fl-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elf disa mija tlieta u disghin (1993) mill-liema zwieg huma kellhom tlett itfal R , RS u J ahwa B li illum kollha maggorenni u jahdmu fuq bazi full-time;

2. Illi sussegwentament il-partijiet sseparaw legalment minn xulxin nhar it-tlieta ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr .Kimberly Piscopo liema kuntratt qed

jigi anness u mmarkat bhala DOK E mar-rikors promotur intavolat minn C B qua rikorrenti;

3. Illi fit-tieni lok l-esponenti tiddikjara li ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment u in oltre ma hemm ebda manteniment dovut bejnithom stante li l-partijiet kienu iddekadew reciprokament mid-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin liema dekadenza mhux revokabbli u tibqa' valida anke jekk ikun hemm tibdil fic-cirkustanzi rispettivi tal-partijiet;

4. Illi fit-tielet lok ma hemmx ebda prospett ta' rikonciljazzjonji bejn il-kontendenti;

5. Illi fir-raba lok madanakollu l-propjeta' fond matrimonjali tal-kontendenti bl-indirizz 180, Delle Alpi Mater Boni Consilli Street Fgura, ghandha propjeta'  in komuni tal-istess partijiet pero' qed jghix fiha b`mod esklussiv ir-rikorrenti. Il-partijiet ricentament dahlu konvenju datat ghoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa u ghoxrin (2025) (ara kopja tal-konvenju hawn anness u mmarakt DOK.X)

6. Illi stante l-fatt li l-partijiet gia kienu dahlu f ' konvenju iehor qabel dan ghal disa xhur shah liema konvenju sfaxxa ghaliex il-kompraturi ghal raguni valida fil-ligi nqasu li jidhru ghal-att finali tal-bejgh , l-esponenti umilment thoss li jkun ahjar li l-ewwel jinbghieh il-fond matrimionjali qabel id-divorzju u dan in vista ta' klawzola numru erbatax(14) tal-att ta' separazzjoni ta' bejn il-kontedenti  li jistipola penali ta' mitt ewro ghal kull jum f' kaz jew wiehed mill-partijiet ifixkel il-process tal-bejgh;

7. Illi fil-hames lok l-esponenti tiddikjara li hija favur il zwieg de quo jigu xolt permezz ta' divorzju biss pero' dan wara il-fond matrimonajli jinbghih;

8. Illi fis-sitt lok l-esponenti thoss li m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

9. Illi stante l-kontendenti partijiet ilhom ghal aktar minn sentejn legalment separati minn xulxin jigu umilment rilevat li jezistu l-elementi kollha a tenur tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iz-zwieg tal-kotendenti partijiet jigi xolt permezz ta' divorzju

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi l-intimata m'hix qed toggezzjona ghad-divorzju fir-risposta taghha, izda tghid li dan ghandu jsehh biss wara li l-fond matrimonjali jinbiegh. Il-Qorti ma tistax tqis din bhala oggezzjoni skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Di fatti, mhijiex oggezzjoni ghad-divorzju, izda hi semplicement konsiderazzjoni illi ghamlet l-intimata fir-risposta taghha.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li, ladarba ma hemm ebda oggezzjoni skond il-ligi ghall-ghoti tad-divorzju, setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar l- 20 ta' Marzu 1993**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**